QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
SUPERJURI

MAGISTRAT :
Dr Antonio Micallef Trigona LL.D Mag. Jur (EU Law)

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Gunju 2002**

Citazzjoni numru 23/02G1

Ganna mart Joseph Grech bhala mandatarja ta' l-imsiefra Julia mart Carmel Haber

-vs-

Direttur tar-Registru Pubbliku

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-22 ta' Marzu 2002 fejn wara li ppremettiet illi l-attrici Julia mart Carmel Haber twiledet fin-Nadur, Ghawdex fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija disgha u hamsin (1959) u l-att tat-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv hames mija u wiehed u erbghin tas-sena elf disa' mija disgha u hamsin (541/1959) (Dok A);

Illi fl-istess att tat-twelid isem l-attrici gie imnizzel bhala "Giulia" u dan nonostante illi l-genituri taghha riedu li isem l-attrici jkun jaqra "Julia";

Illi di piu' isem l-attrici dejjem inkiteb bhala "Julia" u dana kif jirrizulta mill-kopja tal-passaport Amerikan ta' l-attrici (Dok B);

Talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru hames mija u wiehed u erbghin tas-sena elf disa' mija disgha u hamsin (541/1959) billi fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" kif ukoll fil-kolonna "Ismijiet moghtija" l-isem "Giulia" jigi sostitwit bl-isem "Julia".

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ingunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici, liema dikjarazzjoni hija debitament guramentata.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa:

1. Illi huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti jkunu sodisfacenti u korretti skond il-ligi.

2. Illi f'kull kaz id-direttur m'ghandux ibati spejjez.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament guramentata.

Semghet lil Ganna Grech ghan-nom ta' bintha tiddikjara bil-gurament taghha illi bintha minn dejjem kienet imsejha u maghrufa bl-isem "Julia" u mhux "Giulia" kif erronjament indikat fic-certifikat tat-twelid li tieghu qed titlob il-korrezzjoni.

Rat l-atti tal-kawza.

Il-Qorti ghalhekk u peress illi jidhrilha li t-talba attrici hija gustifikata, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-attrici u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru hames mija u wiehed u erbghin tas-sena elf disa' mija disgha u hamsin (541/1959) billi fil-kolonna "isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" kif ukoll fil-kolonna "ismijiet moghtija" l-isem "Giulia" jigi sostitwit bl-isem "Julia".

In vista tan-natura ta' din il-kawza m'ghandux ikun hemm spejjez.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur